**FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR**

**Gudikatur: Dr. Claudio Żammit**

**Seduta ta' nhar it-Tnejn, 7 t'Ottubru 2019**

**Talba Nru: 511/18 CZ**

**Av. Peter Fenech (KI67468 (M) bhala mandatarju specjali tas-socjeta' estera Metalbond Recyclers Limited**

**vs.**

**KOSECP Ltd (C-34177)**

**It-Tribunal,**

Ra t-talba ta' l-attur nomine imressqa fil-25 t'Ottubru 2018 li biha premetta:

Illi s-soċjetà attriċi daħlet fi ftehim mas-soċjetà intimata sabiex din tal-aħħar tbiegħ u tibgħat lis-soċjetà attriċi materjal ta' *ferraous metal scraps* kif indikat fil-kuntratt hawn anness u mmarkat bħala Dok. MB1;

Illi sussegwentement is-soċjetà attriċi ħallset l-ammont ta' tlett elef sitt mija u wieħed u għoxrin ewro (€3621.00) bħala pagament bil-quddiem in vista ta' dan il-kuntratt tal-bejgħ Dok. MB2;

Illi l-materjal li kellu jiġi kkunsinjat lis-soċjetà attriċi fil-fatt qatt ma ġie mibgħut u s-soċjetà attriċi talbet ir-rifużjoni tal-ammont ta' tlett elef sitt mija u wieħed u għoxrin ewro (€3621.00);

Illi r-rifużjoni kien hemm qbil dwarha u ġiet imwiegħda diversi drabi kif indikat fl-email hawn annessi u mmarkati bħala Dok. MB3.

Illi minkejja diversi interpelazzjonijiet is-soċjetà intimata naqset milli tagħmel dan;

Għaldaqstant is-soċjetà rikorrenti qiegħda titlob lil dan it-Tribunal sabiex jiddikjara lis-soċjetà intimata debitriċi tas-soċjetà attriċi fl-ammont ta' tlett elef sitt mija u wieħed u għoxrin ewro (€3621.00) rappeżentanti flus imħallsa bħala pagament bil-quddiem għall-konsejna ta' materjal ta' *ferraous metal scraps* li qatt ma ġie kkunsenjat, liema ammont huwa ċert likwidu u dovut, u jordna lill-istess soċjetà intimata tħallas tali ammont, nklużi dawk tal-mandat ta' sekwestru numru 1761/18, li hi minn issa hi nġunta għas-subizzjoni.

Ra r-risposta tas-socjeta' konvenuta mressqa fit-23 ta' Novembru 2018 li permezz taghha eccepiet:

1. Illi t-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom ikunu michuda bl-ispejjez kontra taghha ghar-ragunijiet li ser ikunu trattati waqt is-smiegh ta' din il-kawza.
2. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.
   Bl-ispejjez.

It-Tribunal:

Ra l-atti;

Sema' x-xiehda;

Ra li l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza.

It-Tribunal qies ix-xiehda ta' Chaithanya Naini[1], il-kontro-ezami tal-istess xhud[2], u d-dokumenti esebiti.

Ikkunsidra:

Illi **Chaithanya Naini**, li huwa Direttur tas-socjeta' attrici, xehed kif is-socjeta' konventa kienet offritilhom magni ghall-begjh sabiex jigu riciklati. Ftehmu fuq kwantita' ta' magni li kellhom jigu esportati minn Malta ghal barra sabiex jinxtraw mis-socjeta' attrici, u s-socjeta' attrici hallset anke depozitu fuq il-prezz ta' dawn il-magni, li qieghed issa jigi reklamat f'din il-kawza, u dan ghaliex il-magni mistennija mis-socjeta' attrici baqghu qatt ma waslu. Ix-xhud qal li Tony Pisani mis-socjeta' konvenuta fil-fatt kien ikkonfermalu li l-magni ma ntbaghtux, ghaliex kien hemm xi problema ta' zejt waqt il-garr tal-istess. Ix-xhud esebixxi diversi messaggi u korrispondenza elettronika, li turi pero' illi Pisani kien irrikonoxxa illi kellu jhallas l-ammont tad-depozitu lura, tant li anke talbu l-informazzjoni bankarja tas-socjeta' attrici, sabiex iwettaq it-trasferiment. Eventwalment il-magni in kwestoni baqghu qatt ma waslu ghand is-socjeta' attrici.

Ikkunsidra ulterjorment:

Illi jirrizulta mhux kontestat illi fil-fatt is-socjeta' attrici talbet ghadd ta' magni, sabiex ikunu jistghu jintuzaw ghar-riciklagg. Eventwalment din il-konsenja ma sehhitx izda s-socjeta' attrici pruvat li kienet lahqet hallset pagament tas-somma reklamata f'din il-kawza, bhala depozitu.

[1] Affidavit a fol. 25

[2] Seduta tad-9 ta' Lulju 2019

Illi s-socjeta' konvenuta, tramite rapprezentanti taghha, ewlieni fosthom Tony Pisani, irrikonoxxiet illi ghandha taghti lura dan id-depozitu, ladarba l-magni baqghu ma ntbaghtux lis-socjeta' attrici, u dan gie rikonoxxut anke b'messaggi li Tony Pisani kien jibghat lil Chaithanya Naini.

Illi jirrizulta ghalhekk illi d-depozitu mhallas ghandu jintradd lura u ghadu jinsab ghand is-socjeta' konvenuta bla ma jmissha tiehdu.

Ghaldaqstant, it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi dan il-kaz billi filwaqt li jichad l-eccezzjonijiet tas-socjeta' konvenuta, jordna lill-istess socjeta' konvenuta thallas lill-attur nomine s-somma ta' tlett'elef sitt mija u wiehed u ghoxrin Euro (€3,621), bl-imghax mid-data tal-prezentata ta' din il-kawza sal-hlas effettiv.

L-ispejjez ghandhom jithallsu kollha mis-socjeta' konvenuta.

**Dr. Claudio Żammit**

**Gudikatur**

Mary Josette Musu'

Deputat Registratur